Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

9 ta' Settembru 2013*

"Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Skema ta' għajnuna li tippermetti l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwisti ta' ishma barranin — Deċiżjoni li tiddikjara l-iskema ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li ma tordnax l-irkupru tal-għajnuna — Att li jinkludi miżuri ta' implementazzjoni — Nuqqas ta' interess individwali — Assenza ta' obbliguta' ħlas lura — Inammissibbiltà"

Fil-Kawża T-400/11,

**Altadis, SA**, stabbilita f'Madrid (Spanja), irrappreżentata minn J. Buendía Sierra, E. Abad Valdenebro, M. Muñoz de Juan u R. Calvo Salinero, avukati,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn R. Lyal, C. Urraca Caviedes u P. Němečková, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2011/282/UE dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU L 135, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn L. Truchot (Relatur), President, M. E. Martins Ribeiro u A. Popescu, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

## Digriet

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Permezz ta' diversi domandi bil-miktub magħmula fl-2005 u fl-2006 (E-4431/05, E-4772/05, E-5800/06 u P-5509/06), membri tal-Parlament Ewropew staqsew lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat tad-dispożittiv previst mill-Artikolu 12(5) tal-Ley del Impuesto

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

sobre Sociedades (liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji), introdott fiha mil-Ley 24/2001, de Medidas Fiscales, Administrativas y del Orden Social (Liġi 24/2001, li tadotta miżuri fiskali, amministrattivi u ta' natura soċjali), tas-27 ta' Diċembru 2001 (BOE Nru 313, tal-31 ta' Diċembru 2001, p. 50493), u riprodott mir-Real Decreto Legislativo 4/2004, por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Impuesto sobre Sociedades (Digriet Irjali 4/2004, li japprova t-test rivedut tal-liġi dwar it-taxxa fuq il-kumpanniji), tal-5 ta' Marzu 2004 (BOE Nru 61, tal-11 ta' Marzu 2004, p. 10951) (iktar 'il quddiem l-"iskema kkontestata"). Il-Kummissjoni essenzjalment irrispondiet li, skont informazzjoni li kellha, l-iskema kkontestata ma kinitx tidher li tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

2 Permezz ta' ittri tal-15 ta' Jannar u tas-26 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Spanjoli jipprovdulha informazzjoni sabiex tevalwa l-portata u l-effetti tal-iskema kkontestata. Permezz ta' ittri tas-16 ta' Frar u tal-4 ta' Ġunju 2007, ir-Renju ta' Spanja kkomunika lill-Kummissjoni l-informazzjoni li talbitu.

3 Permezz ta' faks tat-28 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni rċeviet ilment minn operatur privat li sostna li l-iskema kkontestata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat li hija inkompatibbli mas-suq komuni.

4 Permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 (sunt fil-ĠU C 311, p. 21), il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali dwar l-iskema kkontestata.

5 Permezz ta' ittra tal-5 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet l-osservazzjonijiet tar-Renju ta' Spanja dwar din id-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Bejn it-18 ta' Jannar u s-16 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni rċeviet ukoll l-osservazzjonijiet ta' 32 terz interessat, fosthom dawk tar-rikorrenti, Altadis, SA. Permezz ta' ittri tat-30 ta' Ġunju 2008 u tat-22 ta' April 2009, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta l-kummenti tiegħu dwar l-osservazzjonijiet ta' terzi interessati.

6 Fit-18 ta' Frar 2008, fit-12 ta' Mejju u fit-8 ta' Ġunju 2009 ġew organizzati laqgħat tekniċi mal-awtoritajiet Spanjoli. Ġew organizzati wkoll laqgħat tekniċi oħrajn ma' wħud mit-32 terz interessat, fosthom ir-rikorrenti.

7 Permezz ta' ittra tal-14 ta' Lulju 2008 u permezz ta' posta elettronika tas-16 ta' Ġunju 2009, ir-Renju ta' Spanja ppreżenta informazzjoni addizzjonali lill-Kummissjoni.

8 Il-Kummissjoni għalqet il-proċedura għal dak li jikkonċerna l-akkwisti ta' ishma mwettqa fi ħdan l-Unjoni Ewropea, permezz tad-Deċiżjoni 2011/5/KE, tat-28 ta' Ottubru 2009, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU 2011, L 7, p. 48). Din id-deċiżjoni tiddikjara inkompatibbli mas-suq komuni l-iskema kkontestata, li tikkonsisti f'vantaġġ fiskali li jippermetti lill-kumpanniji Spanjoli jamortizzaw l-avvjament li jirriżulta minn akkwist ta' ishma f'impriżi barranin, meta din tapplika għal akkwisti ta' ishma f'kumpanniji stabbiliti fi ħdan l-Unjoni. Il-Kummissjoni żammet miftuħa l-proċedura f'dak li jirrigwarda l-akkwisti ta' ishma mwettqa barra mill-Unjoni filwaqt li l-awtoritajiet Spanjoli impenjaw ruħhom li jipprovdu elementi ġodda dwar l-ostakli għall-amalgamazzjonijiet transkonfinali barra mill-Unjoni.

9 Ir-Renju ta' Spanja għadda lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-investimenti diretti mwettqa minn kumpanniji Spanjoli barra mill-Unjoni fit-12, is-16 u l-20 ta' Novembru 2009 u fit-3 ta' Jannar 2010. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll l-osservazzjonijiet ta' diversi terzi interessati.

10 Fis-27 ta' Novembru 2009, is-16 ta' Ġunju 2010 u d-29 ta' Ġunju 2010, saru laqgħat tekniċi bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Spanjoli.

11 Fit-12 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/292/UE, dwar l-amortizzazzjoni tat-taxxa tal-avvjament finanzjarju għal akkwiżizzjonijiet ta' ishma barranin C 45/07 (ex NN 51/07, ex CP 9/07) implimentata minn Spanja (ĠU L 135, p. 1, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

12 Id-deċiżjoni kkontestata tiddikjara inkompatibbli mas-suq intern l-iskema kkontestata, meta din tapplika għal akkwisti ta' ishma f'impriżi stabbiliti barra mill-Unjoni (Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata). Madankollu, l-Artikolu 1(2) u (3) tad-deċiżjoni kkontestata jippermetti lill-iskema kkontestata li tkompli tapplika, taħt il-prinċipju ta' protezzjoni ta' aspettattivi leġittimi, għall-akkwisti ta' ishma mwettqa qabel il-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-deċiżjoni li tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, li seħħet fil-21 ta' Diċembru 2007, kif ukoll għall-akkwisti ta' ishma li fir-rigward tat-twettiq tagħhom kien sar impenn irrevokabbli qabel il-21 ta' Diċembru 2007, suġġett għal awtorizzazzjoni ta' awtorità regolatorja li lilha kienet ġiet innotifikata l-operazzjoni qabel din id-data. L-Artikolu 1(4) u (5) tad-deċiżjoni kkontestata jippermetti, barra minn hekk, lill-iskema kkontestata li tkompli tapplika għall-akkwisti ta' ishma f'impriżi stabbiliti fiċ-Ċina, fl-Indja u f'pajjiżi oħra fejn jidher li hemm ostakli legali espliċiti għall-gruppi transkonfinali ta' impriżi, li twettqu sal-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ta' din id-deċiżjoni, li seħħet fil-21 ta' Mejju 2011, kif ukoll għal tali akkwisti ta' ishma li fir-rigward tat-twettiq tagħhom kien sar impenn irrevokabbli qabel il-21 ta' Mejju 2011, suġġett għal awtorizzazzjoni ta' awtorità regolatorja li lilha kienet ġiet innotifikata l-operazzjoni qabel din id-data.

**Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet**

13 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti ressqet din il-kawża.

14 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-10 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni qajmet eċċezzjoni ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

15 Fis-6 ta' Jannar 2012, ir-rikorrenti ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

16 Fil-5 ta' Ottubru u t-13 ta' Diċembru 2012, il-Qorti Ġenerali talbet, skont il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, rispettivament, lir-rikorrenti, sabiex tindika l-konsegwenzi li hija intiża li tislet, għall-finijiet ta' dan ir-rikors, mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2012, Iberdrola vs Il-Kummissjoni (T-221/10), u mid-digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2012, Modelo Continente Hipermercados vs Il-Kummissjoni (T-174/11), u, lill-Kummissjoni, sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fuq it-tweġiba tar-rikorrenti għal din it-talba. Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni wieġbu għal dawn it-talbiet fit-termini stabbiliti.

17 Ir-rikorrenti titlob, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u tordna t-tkomplija tal-proċedura;

— tannulla l-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata;

— sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn dan jipprevedi obbligu ta' rkupru tal-għajnuna mogħtija għal operazzjonijiet li jippreċedu l-21 ta' Mejju 2001;

— iktar sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 1(1) u, sussidjarjament, l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jirreferu għal operazzjonijiet imwettqa fil-Marokk;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

18 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors inammissibbli;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

**Id-dritt**

19 Skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk parti tagħmel talba għal dan il-għan, il-Qorti Ġenerali tista' tieħu deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kawża. Skont il-paragrafu 3 tal-istess artikolu, il-proċedura titkompla oralment, sakemm il-Qorti Ġenerali ma tiħux deċiżjoni kuntrarja. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali jidhrilha li hija għandha informazzjoni suffiċjenti mid-dokumenti tal-proċess u tiddeċiedi li ma hemmx lok li tinfetaħ il-proċedura orali.

20 Il-Kummissjoni ssostni li dan ir-rikors huwa inammissibbli minħabba li r-rikorrenti la wriet li kellha interess ġuridiku u lanqas li kienet ikkonċernata individwalment mid-deċiżjoni kkontestata.

21 Huwa opportun li jsir qabelxejn l-eżami tat-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni.

22 Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, "[k]walunkwe persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kondizzjonijiet previsti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, tressaq appell [rikors] kontra att indirizzat lilha jew li jirrigwardha direttament u individwalment, kif ukoll kontra att regolatorju li jirrigwardha direttament u li ma jinvolvix miżuri ta' implimentazzjoni".

23 Peress li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata wara t-tmiem tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u peress li ma kinitx indirizzata lir-rikorrenti, l-interess individwali tagħha għandu jiġi evalwat skont il-kriterji ddefiniti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni (25/62, Ġabra p. 197, 223). Għaldaqstant, ir-rikorrenti għandha turi li d-deċiżjoni kkontestata tolqotha minħabba ċerti kwalitajiet li huma speċifiċi għaliha jew sitwazzjoni fattwali li tiddistingwiha mill-persuni l-oħra kollha u li, minħabba dan il-fatt, tindividwalizzaha bl-istess mod kif ikun individwalizzat id-destinatarju ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-298/00 P, Ġabra p. I-4087, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Ir-rikorrenti tinvoka l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja tal-iskema kkontestata sabiex turi li hija effettwata individwalment mid-deċiżjoni kkontestata li tiddikjara l-imsemmija skema illegali u inkompatibbli mas-suq intern.

25 Skont ġurisprudenza stabbilita, bħala prinċipju, impriża ma tistax tkun intitolata tippreżenta rikors għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipprojbixxi skema ta' għajnuna settorjali jekk tkun ikkonċernata minn din id-deċiżjoni biss minħabba li tagħmel parti mis-settur inkwistjoni u minħabba l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja potenzjali tal-imsemmija skema. Fil-fatt, fir-rigward ta' tali impriża, tali deċiżjoni tkun miżura ta' portata ġenerali li tapplika għal sitwazzjonijiet iddeterminati b'mod oġġettiv u jkollha effetti legali fir-rigward ta' kategorija ta' persuni previsti b'mod ġenerali u astratt (ara s-sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 2009, Acegas vs Il-Kummissjoni, T-309/02, Ġabra p. II-1809, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Madankollu, peress li l-impriża rikorrenti ma hijiex biss ikkonċernata mid-deċiżjoni inkwistjoni bħala impriża tas-settur ikkonċernat, benefiċjarja potenzjali tal-iskema ta' għajnuna, iżda wkoll minħabba l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja effettiva ta' għajnuna individwali mogħtija taħt din l-iskema u li l-Kummissjoni ordnat l-irkupru tagħha, din l-impriża hija individwalment ikkonċernata

mill-imsemmija deċiżjoni u r-rikors ippreżentat kontra din id-deċiżjoni huwa ammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Ottubru 2000, L-Italja u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni, C-15/98 u C-105/99, Ġabra p. I-8855, punti 34 u 35, u s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Settembru 2009, Banco Comercial dos Açores vs Il-Kummissjoni, T-75/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 44).

27 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk ir-rikorrenti għandhiex il-kwalità ta' benefiċjarja effettiva ta' għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskema ta' għajnuna msemmija mid-deċiżjoni kkontestata u li l-Kummissjoni ordnat l-irkupru tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, Ġabra p. I-4727, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata, u s-sentenza Iberdrola vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

28 F'dan il-każ, ir-rikorrenti wriet il-kwalità tagħha ta' benefiċjarja tal-iskema kkontestata. Fil-fatt, hija hemżet bħala anness mar-rikors dokument li jiċċertifika li hija kienet applikat l-iskema kkontestata għal akkwisti ta' ishma, fl-2003 u fl-2006, f'kumpannija stabbilita fil-Marokk. Madankollu, skont l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 4(1) tad-deċiżjoni kkontestata, din ma hijiex koperta mill-obbligu ta' rkupru previst minn din id-deċiżjoni.

29 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni, fl-ewwel lok, billi tinvoka l-ġurisprudenza, li l-kwalità tagħha ta' benefiċjarja effettiva tal-iskema kkontestata hija suffiċjenti sabiex tistabbilixxi li hija effettwata individwalment peress li l-obbligu ta' ħlas lura tal-għajnuna riċevuta taħt din l-iskema ma jikkostitwixxix kundizzjoni indispensabbli għal dan ir-rikonoxximent. Ir-rikorrenti tiddeduċi, b'mod partikolari, mis-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li impriża tista' titqies li hija individwalment ikkonċernata meta hija tibbenefika minn għajnuna mogħtija fl-ambitu ta' skema ta' għajnuna li fir-rigward tagħha l-irkupru huwa ordnat b'mod ġenerali mingħajr ma tkun prevista, hija stess, minn dan l-obbligu ta' ħlas lura.

30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar il-punt 53 tas-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li fuqu r-rikorrenti tibbaża l-argumentazzjoni tagħha:

"[...] il-benefiċjarji effettivi ta' għajnuna individwali mogħtija abbażi ta' skema ta' għajnuna li l-Kummissjoni ordnat l-irkupru tagħha huma, minħabba f'hekk, individwalment ikkonċernati [...]"

31 Issa, din is-silta ġiet interpretata fid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali li jirreferu għaliha fis-sens li l-benefiċjarju effettiv ta' skema ta' għajnuna jitqies individwalment effettwat minn deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar din l-iskema biss jekk ikun ibbenefika minn għajnuna li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' rkupru previst minn din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza L-Italja u Sardegna Lines vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 31 u 34; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Ġunju 2009, AEM vs Il-Kummissjoni, T-301/02, Ġabra p. II-1757, punti 46 sa 48, u d-digriet Modelo Continente Hipermercados vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, punt 30). Għalhekk, l-irkupru li għalih il-punt 53 tas-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, jirreferi jipprevedi l-għajnuna li minnha bbenefikat ir-rikorrenti inkwistjoni u mhux, b'mod ġenerali, l-għajnuna mogħtija taħt l-iskema ta' għajnuna kkonċernata.

32 Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-punt 56 tas-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, li huwa redatt kif ġej:

"[…] l-ordni ta' rkupru diġà jikkonċerna individwalment lill-benefiċjarji kollha tal-iskema inkwistjoni, sa fejn dawn huma esposti, sa mill-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, għar-riskju li l-benefiċċji li rċevew jiġu rkuprati, u b'hekk jinsabu milquta fis-sitwazzjoni legali tagħhom. Għalhekk, dawn il-benefiċjarji jifformaw parti minn grupp magħluq […], mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet supplimentari dwar sitwazzjonijiet li fihom id-deċiżjoni tal-Kummissjoni

ma tkunx tinkludi ordni ta' rkupru. Barra minn hekk, l-eventwalità li, b'mod ulterjuri, il-benefiċċji ddikjarati illegali ma jiġux irkuprati mingħand il-benefiċjarji tagħhom ma teskludix li dawn jitqiesu bħala individwalment ikkonċernati."

33 Jirriżulta, minn naħa, mill-ewwel u t-tieni sentenzi ta' dan il-punt tas-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, moqri flimkien mal-punt 55 li jippreċedih, li l-Qorti tal-Ġustizzja illimitat ruħha għall-eżami biss tal-każ, inkwistjoni f'dik is-sentenza, li fih l-att ikkontestat kien jipprevedi obbligu ta' rkupru li jkopri lir-rikorrenti. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, fl-ewwel sentenza, li l-ordni ta' rkupru jikkonċerna individwalment lill-benefiċjarji kollha tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni li huma esposti għar-riskju li jkollhom iħallsu lura l-għajnuna riċevuta u tinjora, fit-tieni sentenza, l-eżami tas-sitwazzjoni li fiha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni ma tinkludix ordni ta' rkupru. Jirriżulta, min-naħa l-oħra, mit-tielet sentenza tal-punt 56 tas-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, moqri wkoll fid-dawl tal-punt 55 tal-istess sentenza, li tali obbligu ta' rkupru li jkopri rikorrenti huwa suffiċjenti sabiex jindividwalizzaha, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk, fil-livell nazzjonali, dan l-obbligu jiġix segwit (digriet Modelo Continente Hipermercados vs Il-Kummissjoni, iċċitat iktar 'il fuq, punt 29).

34 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, invokata mir-rikorrenti, iddeduċiet l-interess individwali tar-rikorrenti fil-kawża inkwistjoni mill-impożizzjoni min-naħa tal-att ikkontestat ta' obbligu ta' rkupru li jkopri l-għajnuna li hija rċeviet, irrispettivament mill-implementazzjoni ta' tali obbligu. Għaldaqstant, ma jistax jiġi dedott li l-kwalità ta' benefiċjarju effettiv ta' skema ta' għajnuna hija suffiċjenti sabiex tindividwalizza lil dan il-benefiċjarju, meta dan tal-aħħar ma jkunx kopert mill-obbligu ta' rkupru tal-għajnuna mogħtija taħt l-imsemmija skema prevista mill-att ikkontestat.

35 Lanqas ma hija rilevanti, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2010, Franza *et* vs Il-Kummissjoni (T-425/04, T-444/04, T-450/04 u T-456/04, Ġabra p. II-2099). Ċertament, kif ir-rikorrenti ssostni, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet fil-punt 123 ta' dik is-sentenza li l-annullament tad-dispożizzjoni tad-deċiżjoni kkontestata li tikkonstata l-inkompatibbiltà mas-suq komuni tal-għajnuna inkwistjoni għandha l-konsegwenza li l-konstatazzjoni ta' illegalità ta' din il-miżura ta' għajnuna, li hija miżura individwali li tiffavorixxi lir-rikorrent, hija nulla u bla effett, u dan jikkostitwixxi konsegwenza legali li tibdel il-pożizzjoni ġuridika legali tiegħu u tagħtih vantaġġ. Madankollu, kif enfasizzat ġustament il-Kummissjoni, f'dan il-punt, il-Qorti Ġenerali ħadet pożizzjoni fuq il-kundizzjoni ta' ammissibbiltà tal-interess ġuridiku, li tiddistingwi ruħha b'mod partikolari mill-kundizzjoni tal-interess individwali mill-fatt li din tipprevedi l-benefiċċju mogħti lir-rikorrent mill-eżitu tal-azzjoni legali tiegħu u mhux ir-rabta speċjali li tgħaqqad lil dan ir-rikorrent mad-deċiżjoni li hija s-suġġett tal-azzjoni legali (ara l-punt 23 iktar 'il fuq u ara wkoll il-punt 38 iktar 'l isfel).

36 Fl-aħħar nett, għandu jiġi skartat l-argument ibbażat fuq ir-riskju patrimonjali għall-benefiċjarju effettiv ta' għajnuna mogħtija abbażi ta' skema ddikjarata inkompatibbli, li jirriżulta mill-effetti possibbli ta' tali dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà fuq l-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-kumulu ta' għajnuna u ta' għajnuna *de minimis*, peress li r-rikorrenti llimitat ruħha għal sempliċi affermazzjoni f'dan ir-rigward, billi ma pprovdiet ebda spjegazzjoni dwar l-effetti possibbli hawn fuq imsemmija u għalhekk dwar l-allegat riskju patrimonjali.

37 Ir-rikorrenti ssostni, fit-tieni lok, li jekk jitqies li l-obbligu ta' rkupru tal-għajnuna li minnha hija bbenefikat huwa meħtieġ sabiex hija tkun tista' titqies li hija individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata, hija għandha titqies li hija suġġetta għal tali obbligu fil-każ ineżami. Fil-fatt, l-esklużjoni ta' operazzjonijiet li jippreċedu l-21 ta' Diċembru 2007 mill-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' rkupru abbażi tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma hijiex definittiva, minħabba r-rikors ippreżentat minn Deutsche Telekom AG fil-Kawża T-207/10 kontra din il-parti tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata.

38 B'din l-argumentazzjoni, ir-rikorrenti tħallat ukoll il-kundizzjoni ta' ammissibbiltà tal-interess individwali ma' dik tal-interess ġuridiku. Fil-fatt, filwaqt li l-interess ġuridiku jista' jiġi stabbilit, jew għall-kuntrarju mitmum, minħabba b'mod partikolari avvenimenti estranji għar-rikorrenti u għad-deċiżjoni kkontestata li jkunu seħħew wara l-preżentata tar-rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni, l-interess individwali ta' persuna fiżika jew ġuridika huwa evalwat fil-jum tal-preżentata tar-rikors u jiddependi biss fuq id-deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, persuna kkonċernata individwalment minn deċiżjoni li tiddikjara għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha tibqa' tali anki jekk sussegwentement jirriżulta li l-irkupru ma jkunx ser jintalab lilha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56 u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak għal din is-sentenza, Ġabra p. I-4732, punti 81 u 82; ara wkoll punt 33 iktar 'il fuq).

39 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, sabiex ikun ikkonċernat individwalment mill-att ikkontestat, ir-rikorrent għandu jistabbilixxi li jagħmel parti minn ċirku ristrett, jiġifieri minn grupp li ma jistax jiżdied wara l-adozzjoni tal-att ikkontestat (ara, f'dan, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Ġunju 1990, Sofrimport vs Il-Kummissjoni, C-152/88, Ġabra p. I-2477, punt 11, u tat-22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479, punt 63).

40 F'dan il-każ, l-annullament eventwali tal-Artikolu 1(2) tad-deċiżjoni kkontestata mill-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-207/10 u l-irkupru sussegwenti tal-għajnuna kkontestata mingħand ir-rikorrenti, minbarra li huma biss ipotetiċi, ma jippermettux għalhekk li jiġi kkunsidrat li din hija kkonċernata individwalment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Iberdrola vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 42).

41 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma hijiex individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni kkontestata.

42 Madankollu, ir-rikorrenti ssostni li f'dan il-każ hija ma hijiex marbuta li turi li hija kkonċernata individwalment mid-deċiżjoni kkontestata peress li din id-deċiżjoni tista' tiġi kklassifikata bħala att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

43 Il-Kummissjoni ssostni li d-deċiżjoni kkontestata ma tikkostitwixxix att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni, billi tinvoka diversi miżuri ta' implementazzjoni nazzjonali tad-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, ir-revoka tal-iskema kkontestata mil-leġiżlatur Spanjol, l-irkupru mill-awtoritajiet fiskali tal-għajnuna illegali mogħtija taħt l-iskema kkontestata mingħand il-benefiċjarji tagħha kif ukoll ir-rikonoxximent jew ir-rifjut tal-għoti tal-vantaġġ fiskali inkwistjoni minn dawn l-awtoritajiet.

44 Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti tqis li l-miżuri invokati mill-Kummissjoni ma jikkostitwixxux miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Fil-fatt, il-miżuri ta' rkupru invokati ma jistgħux jitqiesu bħala tali, peress li l-ordni ta' rkupru fid-deċiżjoni kkontestata jorbot lir-Renju ta' Spanja fl-intier tiegħu, u dan mingħajr ma jipprovdi marġni ta' diskrezzjoni. Bl-istess mod, ir-revoka tal-iskema kkontestata ddikjarata inkompatibbli u r-rikonoxximent jew ir-rifjut tal-għoti tal-vantaġġ fiskali inkwistjoni huma diġà ddeterminati fid-deċiżjoni kkontestata u huma biss il-konsegwenzi legali tagħha.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE, deċiżjoni, bħal dik tal-każ ineżami, torbot fl-intier tagħha biss lil dawk li lilhom tkun indirizzata. Għalhekk, l-obbligu ta' rifjut tal-għoti tal-benefiċċju tal-iskema kkontestata, ta' annullament tal-vantaġġi fiskali mogħtija u ta' rkupru tal-għajnuna mħallsa taħt din l-iskema huma l-konsegwenzi legali mandatorji tad-deċiżjoni kkontestata għar-Renju ta' Spanja, li tagħha huwa l-persuna indirizzata.

46 Min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni kkontestata ma tipproduċix effetti legali fil-konfront tal-benefiċjarji tal-iskema kkontestata. L-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata ma jiddefinixxix il-konsegwenzi tal-inkompatibbiltà tal-iskema kkontestata mas-suq intern fir-rigward ta' kull wieħed mill-benefiċjarji ta' din l-iskema, minħabba li, għal dawn il-benefiċjarji, din id-dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà, fiha nnifisha, ma tipprovdi ebda projbizzjoni jew ordni. Barra minn hekk, l-effett tal-inkompatibbiltà ma huwiex neċessarjament l-istess għal kull benefiċjarju tal-iskema kkontestata. Il-konsegwenzi tal-inkompatibbiltà għandhom għalhekk jiġu individwalizzati permezz ta' att legali maħruġ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, bħalma huwa avviż ta' impożizzjoni ta' taxxa, li jikkostitwixxi miżura ta' implementazzjoni tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

47 F'dan ir-rigward huwa irrilevanti li, kif tirrileva r-rikorrenti, ir-Renju ta' Spanja ma jgawdi minn ebda marġni ta' diskrezzjoni fl-implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. L-assenza ta' setgħa diskrezzjonali huwa kriterju li għandu ċertament jiġi eżaminat sabiex jiġi kkonstatat jekk il-kundizzjoni tal-interess dirett ta' rikorrent hijiex sodisfatta (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2000, Starway vs Il-Kunsill, T-80/97, Ġabra p. II-3099, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, ir-rekwiżit ta' att li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni previst fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jikkostitwixxi kundizzjoni differenti minn dik marbuta mal-interess dirett (digrieti tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2012, Eurofer vs Il-Kummissjoni, T-381/11, punt 59, u tal-5 ta' Frar 2013, BSI vs Il-Kunsill, T-551/11, punt 56).

48 Minn dan jirriżulta li d-deċiżjoni kkontestata tinvolvi miżuri ta' implementazzjoni u għalhekk ma tistax tiġi kklassifikata bħala att regolatorju li ma jinvolvix miżuri ta' implementazzjoni fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. L-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-aħħar parti tas-sentenza ta' din id-dispożizzjoni għandu, għalhekk, jiġi miċħud.

49 Din il-konklużjoni ma hijiex effettwata mill-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, sa fejn hija ma tista' tieħu ebda azzjoni legali kontra d-dikjarazzjoni ta' inkompatibbiltà tal-iskema kkontestata li tidher fl-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata.

50 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Unjoni hija unjoni ta' dritt bl-istituzzjonijiet tagħha suġġetti għall-istħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom mat-Trattat u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt, fosthom id-drittijiet fundamentali. Għalhekk, l-individwi għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn azzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li huma jiksbu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011, Freistaat Sachsen *et* vs Il-Kummissjoni, T-443/08 u T-455/08, Ġabra p. II-1311, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrenti ma hija bl-ebda mod miċħuda minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fil-fatt, anki jekk dan ir-rikors jiġi ddikjarat inammissibbli, xejn ma jżomm lir-rikorrenti milli tikkontesta quddiem il-qorti nazzjonali l-miżuri ta' implementazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, l-avviżi ta' impożizzjoni ta' taxxa li jirrifjutaw l-għoti tal-benefiċċju tal-iskema kkontestata. Il-qorti nazzjonali tista' mbagħad tistħarreġ, b'mod inċidentali, il-validità tal-Artikolu 1(1) tad-deċiżjoni kkontestata u tadixxi, fejn xieraq, lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' domanda preliminari dwar il-validità skont l-Artikolu 267 TFUE (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-digriet Eurofer vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 60).

51 Konsegwentement, hemm lok li dan ir-rikors jiġi miċħud bħala inammissibbli, mingħajr ma huwa neċessarju li tiġi eżaminata l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u bbażata fuq l-assenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti.

**Fuq l-ispejjeż**

52 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż tagħha, kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni kif mitlub minn din tal-aħħar.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

tordna:

**1) Ir-rikors huwa miċħud.**

**2) Altadis, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.**

Il-Lussemburgu, fis-6 ta' Settembru 2013.

Reġistratur
E. Coulon

Il-President
L. Truchot